



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**PE489.469v01-00**

15.5.2012

# **EMENDI**

## **1 - 70**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Anneli Jäätteenmäki**  
(PE488.028v01-00)

dwar in-negozjati għat-Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi tan-NU (ATT)

**Emenda 1**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali A/RES/61/89<sup>1</sup> tas-6 ta' Diċembru 2006 bit-titolu lejn trattat dwar il-kummerċ tal-armi: l-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali appoġġjati minn 153 Stat Membru tan-NU li jimmarkaw il-bidu formali ta' proċess lejn ATT u A/RES/64/48<sup>2</sup> tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar it-trattat dwar il-kummerċ tal-armi appoġġjati minn 153 Stat Membru tan-NU li ddeċiedew li jsejħu Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi biex tiltaqa' għal erba' ġimgħat konsekuttivi fl-2012 biex telabora strument legalment vinkolanti dwar l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbli għat-trasferiment tal-armi konvenzjonali,**

---

<sup>1</sup> <http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N06/499/77/PDF/N0649977.pdf?OpenElement>

<sup>2</sup> <http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N09/464/71/PDF/N0946471.pdf?OpenElement>

Or. en

**Emenda 2**

**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**wara li kkunsidra t-tweġiba tal-UE għat-  
talba li għamel is-Segretarju Ġenerali  
tan-NU għal fehmiet dwar l-elementi ta'  
Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi;**

Or. en

**Emenda 3**

**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-  
Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'mod  
partikolari dwar it-Trattat dwar il-  
Kummerç tal-Armi tal-  
10 ta' Diċembru 2007 u tat-  
12 ta' Lulju 2010,**

Or. en

**Emenda 4**

**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu  
tal-21 ta' Ġunju 2007 li tappella għat-

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu  
tal-21 ta' Ġunju 2007 li tappella għat-

tfassil ta' Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi li jirrigwarda l-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali,

tfassil ta' Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi li jirrigwarda l-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali<sup>3</sup>, **wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2008 dwar il-Kodiçi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi<sup>4</sup> u tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar il-Kodiçi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi<sup>5</sup> li t-tnejn li huma jenfasizzaw il-bżonn urġenti għal Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi,**

---

<sup>4</sup> Test adottat, P6\_TA(2008)0101

<sup>5</sup> Test adottat, P6\_TA(2008)0580

Or. en

**Emenda 5**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dwar il-Kodiçi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi tat-13 ta' Marzu 2008,**

Or. en

**Emenda 6**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet**

*Uniti 61/89 “Lejn Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi: l-istabbiliment ta’ standards komuni internazzjonali dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta’ armi konvenzjonali tas-6 ta’ Marzu 2009”,*

Or. en

**Emenda 7**  
**Tarja Cronberg**  
f’ isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

– wara li kkunsidra l-Kampanja “Control Arms” *tas-soċjetà ċivili dinjija*

*Emenda*

– wara li kkunsidra *l-ħafna kampanji tas-soċjetà ċivili madwar id-dinja favur Trattat b’saħħtu u robust dwar il-Kummerç tal-Armi inkluża l-Kampanja “Control Arms” u s-sejħa li saret minn rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi,*

Or. en

**Emenda 8**  
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża,*

Or. en

**Emenda 9**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Aa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***A a. billi aktar minn 40 Stat Membru tan-NU m'għandhomx qafas regolatorju nazzjonali għall-kontroll tat-trasferimenti tal-armi u lanqas ma jikkonformaw ma' kwalunkwe normi reġjonali jew internazzjonali;***

Or. en

**Emenda 10**

**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Aa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***A a. (ġdida). Billi l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ddefiniet l-għan tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) bħala "trattat legalment vinkolanti li jistabbilixxi standards komuni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali" u għall-Istati "biex jiżguraw li s-sistemi nazzjonali u l-kontrolli interni tagħhom huma tal-ogħla standards possibbli biex jipprevjenu d-diverżjoni tal-armi konvenzjonali mis-suq legali għas-suq illiċitu, fejn jistgħu jintużaw għal atti terroristiċi, il-kriminalità organizzata u attivitajiet oħra kriminali";***

Or. en

**Emenda 11**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ab (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***A b. billi l-valur dinji stmat għall-ftehimiet f'kummerċ tal-armi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-2010 kien ta' \$40.355 u l-valur tal-konsenji kien ta' \$34.989 biljun skont is-Servizz tar-Riċerka Kongressjonali tal-US<sup>6</sup>;***

6

*[http://www.sipri.org:9090/research/armaments/transfers/transparency/national\\_reports/united\\_states/CRS\\_Report\\_DN\\_03-10.pdf/view](http://www.sipri.org:9090/research/armaments/transfers/transparency/national_reports/united_states/CRS_Report_DN_03-10.pdf/view)*

Or. en

**Emenda 12**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ac (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***A c. billi l-kummerċ tal-armi mhux ikkontrollat u mhux irregolat ipoġġi riskju serju għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali iżda wkoll għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli; billi l-kummerċ tal-armi mhux irregolat huwa fattur kontributorju għall-kunflitt armat, iċ-ċaqliq tan-nies, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu;***

### Emenda 13

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Premessa B

###### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li se jiġi negozjat fl-2012 għandu jinkludi dispożizzjonijiet ċari u vinkolanti tal-ogħla standards internazzjonali, u anke ***konformi mad-dritt*** umanitarju internazzjonali;

###### *Emenda*

B. billi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li se jiġi negozjat fl-2012 għandu jinkludi dispożizzjonijiet ċari u vinkolanti tal-ogħla standards internazzjonali, u anke ***konformità sħiħa mad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem (IHRL) u d-dritt umanitarju internazzjonali (IHL)***;

### Emenda 14

**Sabine Lösing**

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Premessa B

###### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li se jiġi negozjat fl-2012 għandu jinkludi dispożizzjonijiet ***ċari*** u vinkolanti tal-ogħla standards internazzjonali, u anke konformi mad-dritt umanitarju internazzjonali;

###### *Emenda*

B. billi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li se jiġi negozjat fl-2012 għandu jinkludi dispożizzjonijiet ***preċiżi*** u ***legalment*** vinkolanti tal-ogħla standards internazzjonali, u anke konformi mad-dritt umanitarju internazzjonali;

### Emenda 15

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE



**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ba (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***B a. billi r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 64/48 tħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU biex jiksbu strument legalment vinkolanti effettiv u bbilanċjat dwar l-ogħla standards komuni internazzjonali possibbli għat-trasferiment tal-armi konvenzjonali u biex jiksbu trattat b'saħħtu u robust;***

Or. en

**Emenda 16  
Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ca (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***C a. (ġdida). Billi ma jeżistux impenji vinkolanti fil-qasam tat-trasferiment tal-armi li jissalvagwardjaw b'ċertezza d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;***

Or. en

**Emenda 17  
Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Cb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***C b. (ġdida). billi l-Kunsill issottolinja li għandu jsir kull sforz possibbli biex jiġi żgurat li s-sessjonijiet tal-Kumitat Preparatorju jkunu inklużivi kemm jista'***

*jkun; billi għal dan il-għan, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/336/CFSP tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar l-attivitajiet tal-UE b'apport għall-proċess tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi biex jipromwovi l-ATT fost l-Istati Membri tan-NU, is-soċjetà ċivili u l-industrija;*

Or. en

**Emenda 18**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Cc (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*C c. (ġdida). billi mill-adozzjoni tagħha, il-Pożizzjoni Komuni tal-UE li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari kkontribwixxiet għall-armonizzazzjoni ta' politiki nazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi tal-Istati Membri tal-UE u l-prinċipji u l-kriterji tagħha ġew approvati uffiċjalment minn diversi pajjiżi terzi;*

Or. en

**Emenda 19**  
**Marietta Giannakou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

1. Jinnota li l-valur tal-esportazzjoni globali tal-armi qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE kostantement jirrappreżentaw madwar 30% tal-

1. Jinnota li l-valur tal-esportazzjoni globali tal-armi qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE kostantement jirrappreżentaw madwar 30% tal-

esportazzjonijiet kollha, u huma fost l-akbar produtturi u esportaturi tal-armi fid-dinja;<sup>4</sup> jenfasizza għaldaqstant li l-UE għandha kemm responsabilità kif ukoll interess li l-kummerç tal-armi fil-livell dinji jkun aktar regolat **u** trasparenti;

esportazzjonijiet kollha, u huma fost l-akbar produtturi u esportaturi tal-armi fid-dinja;<sup>4</sup> jenfasizza għaldaqstant li l-UE għandha kemm responsabilità kif ukoll interess li l-kummerç tal-armi fil-livell dinji jkun aktar regolat, trasparenti **u kkontrollat**;

Or. en

**Emenda 20**  
**Elena Băsescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jinnota li l-valur tal-esportazzjoni globali tal-armi qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE kostantement jirrappreżentaw madwar 30% tal-esportazzjonijiet kollha, u huma fost l-akbar produtturi u esportaturi tal-armi fid-dinja;<sup>4</sup> jenfasizza għaldaqstant li l-UE għandha kemm responsabilità kif ukoll interess li l-kummerç tal-armi fil-livell dinji jkun aktar regolat u trasparenti;

*Emenda*

1. Jinnota li l-valur tal-esportazzjoni globali tal-armi qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE kostantement jirrappreżentaw madwar 30% tal-esportazzjonijiet kollha, u huma fost l-akbar produtturi u esportaturi tal-armi fid-dinja;<sup>4</sup> jenfasizza għaldaqstant li l-UE għandha kemm responsabilità kif ukoll interess li l-kummerç tal-armi fil-livell dinji jkun aktar regolat u trasparenti **kif ukoll li ssaħħaħ u tinforza qafas li jipprevjeni bl-aktar mod possibbli t-trasferiment u l-kummerç tal-armi illegali**;

Or. en

**Emenda 21**  
**Sabine Lösing**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jinnota li l-valur tal-esportazzjoni globali tal-armi qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE kostantement jirrappreżentaw madwar **30%** tal-esportazzjonijiet kollha, u huma **fost** l-akbar produttori u esportaturi tal-armi fid-dinja;<sup>4</sup> jenfasizza għaldaqstant li l-UE għandha kemm responsabilità kif ukoll interess li l-kummerċ tal-armi fil-livell dinji jkun **aktar** regolat u trasparenti;

---

<sup>4</sup> *Figuri meħuda mis-“SIPRI Trend Indicator Values” (espressi f’dollari Amerikani skont prezzijiet kostanti tal-1990) u li huma aċċessibbli f’din il-ħolqa: [http://www.sipri.org/databases/armstransfers/background/explanations2\\_default](http://www.sipri.org/databases/armstransfers/background/explanations2_default)*

*Emenda*

1. Jinnota **bi tħassib kbir** li l-valur tal-esportazzjoni globali **tat-tagħmir** tal-armi **u l-armamenti** qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE kostantement jirrappreżentaw madwar **34%** tal-esportazzjonijiet kollha, u huma l-akbar produttori u esportaturi tal-armi fid-dinja, **wara l-Istati Uniti tal-Amerika (30%) u r-Russja (23%)** ;<sup>1</sup> jenfasizza għaldaqstant li l-UE għandha kemm responsabilità kif ukoll interess **li jsir diżarmament sostanzjali madwar id-dinja u fl-istess ħin** li l-kummerċ tal-armi fil-livell dinji jkun regolat **b’mod qawwi**, u trasparenti **kompletament**;

---

<sup>1</sup> *Holtom, Paul i.a.: Trends in international arms transfers, 2010, SIPRI Fact Sheet, March 2011. p. 3 aċċessibbli f’ <http://books.sipri.org/files/FS/SIPRIFS1103a.pdf>*

Or. en

**Emenda 22**  
**Corina Crețu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir

*Emenda*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir

ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerè tal-armi bla regolamentazzjoni u bla trasparenza jwassal għal kummerè irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerè tal-armi bla regolamentazzjoni u bla trasparenza jwassal għal kummerè irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u **wassal għall-waqgħa ta' gvernijiet li ġew eletti b'mod demokratiku**, l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

Or. en

### **Emenda 23** **Michael Gahler**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 2**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerè tal-armi bla regolamentazzjoni u **bla trasparenza** jwassal għal kummerè irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

##### *Emenda*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerè tal-armi bla regolamentazzjoni u **mhux ikkontrollat** jwassal għal kummerè irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

Or. en

### **Emenda 24** **Elena Băsescu**

## Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerċ tal-armi bla regolamentazzjoni u bla trasparenza jwassal għal kummerċ irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

### *Emenda*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerċ tal-armi bla regolamentazzjoni u bla trasparenza, ***kif ukoll it-trasferiment illegali tal-armi***, jwassal għal kummerċ irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

Or. en

## Emenda 25 Sabine Lösing

## Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. ***Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerċ tal-armi bla regolamentazzjoni u bla trasparenza jwassal għal kummerċ irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;***

### *Emenda*

2. ***Huwa konvint li waqfa totali tal-esportazzjoni tal-armi biss, b'mod partikolari lir-reġjuni ta' kunflitt tipprevjeni*** tbatija umana bla bżonn, il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, ***id-dgħjufija tal-paċi u l-proċessi ta' bini ta' paċi, tal-inizzjattivi għal tnaqqis fil-faqar u l-governanza*** tajba, l-iżvilupp soċjoekonomiku u ***l-ksur*** tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

**Emenda 26**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerċ tal-armi ***bla regolamentazzjoni u bla trasparenza jwassal*** għal kummerċ irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

*Emenda*

2. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-industrija tal-armi għall-ħolqien tal-impjegi u t-tkabbir ekonomiku; Jemmen, madankollu, li l-kummerċ tal-armi ***rregolamentat b'mod fqir iwassal*** għal kummerċ irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija umana bla bżonn, kompli kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, u saħansitra anke dgħajjef il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal għall-ksur tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

**Emenda 27**  
**Pino Arlacchi, Ivo Vajgl, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***2 a. Jesprimi dispjaċir li minkejja li l-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-armi teħtieġ li l-Istati Membri jirrifjutaw it-trasferimenti tal-armi jekk hemm “riskju ċar” li “t-teknoloġija jew it-tagħmir militari li se jiġi esportat jista’ jintuża għal repressjoni interna”, l-Istati Membri jkomplu jbiegħu ammonti kbar ta’ armi lil dittatorjati,***

*Emenda*

*reġimi awtoritarji, u pajjiżi li l-mexxejja tagħhom jużaw l-armi biex irażżnu d-dissens;*

Or. en

## **Emenda 28**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 3**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jitlob għaldaqstant li n-negozjar f' Lulju 2012 ta' Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerç tal-Armi jimmarka pass storiku 'l quddiem, b'aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont, billi jstabilixxi l-ogħla standards u kriterji internazzjonali għall-valutazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferiment, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali;

##### *Emenda*

3. Jitlob għaldaqstant li n-negozjar f' Lulju 2012 ta' Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerç tal-Armi ***legalment vinkolanti*** jimmarka pass storiku 'l quddiem, b'aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont, billi jstabilixxi l-ogħla standards u kriterji internazzjonali għall-valutazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferiment, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali;

Or. en

## **Emenda 29**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 4**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jitlob lill-komunità internazzjonali turi l-impenn tagħha biex tirregola l-kummerç internazzjonali tal-armi billi tagħmel użu sħiħ mir-Regoli ta' Proċedura biex isir qbil fuq test komprensiv li jkopri l-kwistjonijiet ewlenin kollha meħtieġa biex isir ftehim fuq Trattat robust waqt il-Konferenza ta'

##### *Emenda*

4. Jitlob lill-komunità internazzjonali turi l-impenn tagħha biex tirregola l-kummerç internazzjonali tal-armi billi tagħmel użu sħiħ mir-Regoli ta' Proċedura biex isir qbil fuq test komprensiv li jkopri l-kwistjonijiet ewlenin kollha meħtieġa biex isir ftehim fuq Trattat robust ***u li jikkonforma mal-***



Lulju 2012;

*ogħla standards internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali* waqt il-Konferenza ta' Lulju 2012;

Or. en

**Emenda 30**  
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord), il-manifattura taħt liċenzja ta' pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

*Emenda*

6. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord ***kif ukoll l-importazzjoni u l-esportazzjoni temporanja***), il-manifattura taħt liċenzja ta' pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

Or. en

**Emenda 31**  
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom ***l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment*** (inkluż ***it-tranżitu u t-trasbord***), ***il-manifattura taħt liċenzja ta' pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet***, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija,

*Emenda*

6. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom ***importazzjoni, esportazzjoni*** (inkluż ***l-esportazzjoni mill-ġdid***), ***it-tranżitu, it-trasbord*** u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

Or. en

### Emenda 32

**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 6

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord), il-manifattura taħt liċenzja ta' pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

##### *Emenda*

6. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord), ***l-esportazzjonijiet mill-ġdid, l-importazzjonijiet temporanji, trasferimenti bejn il-gvernijiet, rigali, bejgħ, self, kirjiet u s-servizzi essenzjali bħas-senserija, it-trasport, il-finanzjament***, il-manifattura taħt liċenzja ta' pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

Or. en

### Emenda 33

**Ana Gomes**

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 6

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. ***Jemmen*** li Trattat effettiv għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord), il-manifattura taħt liċenzja ta'

##### *Emenda*

6. ***Jenfasizza*** li Trattat effettiv għandu jkopri ***l-aktar*** firxa wiesgħa ***possibbli*** ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord), il-manifattura taħt

pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

liċenzja ta' pajjiż barrani, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasportazzjoni u l-finanzjament;

Or. en

**Emenda 34**  
**Marietta Giannakou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, inklużi l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, il-komponenti u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, mal-manifattura u mal-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal skopijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-infurzar tal-liġi;

*Emenda*

8. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, inklużi l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, ***it-trasferimenti intanġibbli***, il-komponenti u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, mal-manifattura u mal-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal skopijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-infurzar tal-liġi;

Or. en

**Emenda 35**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, inklużi l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, il-komponenti u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, mal-manifattura u mal-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal skopijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-

*Emenda*

8. Jemmen li Trattat effettiv għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, inklużi l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, ***l-inġenji tal-ajru militari bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ, il-missili gġwidati u mhux igġwidati, is-sistemi ta' missili u l-projettili***, il-komponenti, ***il-kompetenza***

infurzar tal-liġi;

**teknika** u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, mal-manifattura u mal-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal skopijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-infurzar tal-liġi;

Or. en

### **Emenda 36 Ana Gomes**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 8**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. **Jemmen** li Trattat effettiv għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, **inklużi** l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, il-komponenti u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, mal-manifattura u mal-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal skopijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-infurzar tal-liġi;

##### *Emenda*

8. **Jenfasizza** li Trattat effettiv għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, **biex tinkludi l-kontroll tal-armi kollha**, il-munizzjon, **l-armamenti u l-oġġetti relatati użati għall-forza potenzjalment letali f'operazzjonijiet militari u ta' sigurtà interna, kif ukoll kwalunkwe partijiet, komponenti, teknoloġiji u kompetenzi tekniċi għall-manifattura, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' dawk l-oġġetti; l-ATT għandu jinkludi wkoll** l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, il-komponenti u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, mal-manifattura u mal-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal skopijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-infurzar tal-liġi;

Or. en

### **Emenda 37 Elena Băsescu**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8 a. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni xierqa għall-immarkar u t-traċċabilità tal-armi u l-munizzjon konvenzjonali, sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u biex tiġi evitata d-diverżjoni tat-trasferiment tal-armi lil riċevituri illegali;**

Or. en

**Emenda 38**

**Pino Arlacchi, Ivo Vajgl, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8 a. Jemmen li trattat effettiv għandu jqis li l-flussi tat-trasport marittimu huma l-mezzi dominanti tal-moviment ta' firxa ta' komoditajiet li jistgħu jtawwlu jew iħeġġu l-kunflitti, itellfu l-proċessi ta' demokratizzazzjoni u anke jrawwmu l-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa; jinnota, madanakollu, li aktar minn 60 fil-mija tal-vapuri involuti f'każi ta' ksur ta' sanzjonijiet, trasferiment illegali ta' drogi, armi, u tagħmir ieħor militari huma proprjetà ta' kumpaniji li jappartjenu għall-pajjiżi fl-UE, NATO jew OKŻE;**

Or. en

**Emenda 39**

**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8 a. (ġdid).** *Jemmen li jekk ċerti tipi ta' tagħmir tas-sigurtà u tal-pulizija bħalma huma l-armi tan-nar mhux militari, inklużi xkubetti tal-irvellijiet, vetturi biex jikkontrollaw il-folol, munizzjon tas-senters u gass tad-dmugħ, ma jkunux koperti b'mod ċar mill-ATT, ħafna gvernijiet ma jipprevjenux tali armi milli jiġu forniti u użati biex irażżnu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;*

Or. en

**Emenda 40**  
**Corina Crețu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards li ma jkun fihom xejn xi tmaqdar;

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards **ċari u** li ma jkun fihom xejn xi tmaqdar **iżda wkoll minn sanzjonijiet iebesha għall-partijiet li ma jirrispettawx it-Trattat;**

Or. en

**Emenda 41**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards **li ma jkun fihom xejn xi tmaqdar;**

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards **ċari, b'saħħithom u għoljin;**

**Emenda 42**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal risoluzzjoni*

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards **li ma jkun fihom xejn xi tmaqdar**;

*Emenda*

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' **sett ta' standards l-aktar għoljin u ċari possibbli**;

**Emenda 43**  
**Sabine Lösing**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal risoluzzjoni*

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards li ma jkun fihom xejn xi tmaqdar;

*Emenda*

9. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' standards li ma jkun fihom xejn xi tmaqdar, **li jimplika kriterji aktar preċiżi mit-tmien kriterji tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE 2008/944/PESK minħabba li partijiet minnhom huma kontradittorji u t-teħid tad-deċiżjonijiet isir juq livell nazzjonali, għalhekk il-kriterji tal-ATT għandhom ikunu eżatti, b'saħħithom fil-lingwa, l-kamp ta' applikazzjoni għandu jkun komprensiv u jinkludi it-trasferimenti internazzjonali kollha ta' armi konvenzjonali, b'mod partikolari armi żgħar u armi ħfief, iżda wkoll il-munizzjon u t-tagħmir kollu relatat li jista' potenzjalment jintuża f'operazzjonijiet ta' sigurtà militari u interni**;

**Emenda 44**  
**Elena Băsescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jitlob biex l-ATT ifakkar lill-Istati Partijiet li kull deċiżjoni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, jew it-trasferiment tal-armi għandha tirrispetta bis-sħiħ l-impenji internazzjonali eżistenti tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti inklużi s-sanzjonijiet u l-embargoes fuq l-armi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

*Emenda*

10. Jitlob biex l-ATT ifakkar lill-Istati Partijiet li kull deċiżjoni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, jew it-trasferiment tal-armi għandha ***fil-każijiet kollha*** tirrispetta bis-sħiħ l-impenji internazzjonali eżistenti tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti inklużi s-sanzjonijiet u l-embargoes fuq l-armi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

**Emenda 45**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jitlob biex ***l-ATT ifakkar*** lill-Istati Partijiet ***li kull deċiżjoni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, jew it-trasferiment tal-armi għandha tirrispetta bis-sħiħ l-impenji internazzjonali eżistenti tagħhom b'mod partikolari fir-rigward*** tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, ***u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti inklużi s-***

*Emenda*

10. Jitlob biex ***ATT effettiv jeħtieġ*** lill-Istati Partijiet ***li ma jittrasferux armi internazzjonalment fejn hemm riskju sostanzjali li se jintużaw biex isir jew jiffaċilitaw ksur serju*** tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem ***jew*** id-dritt umanitarju internazzjonali ***bħall-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra;***



*sanzjonijiet u l-embargoes fuq l-armi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;*

Or. en

**Emenda 46**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jitlob biex l-ATT ifakkar lill-Istati Partijiet li kull deċiżjoni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, jew it-trasferiment tal-armi għandha tirrispetta bis-sħiħ l-impenji internazzjonali eżistenti tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti inklużi s-sanzjonijiet u l-embargoes fuq l-armi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

*Emenda*

10. Jitlob biex l-ATT ifakkar lill-Istati Partijiet li kull deċiżjoni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, jew it-trasferiment tal-armi għandha tirrispetta bis-sħiħ l-impenji internazzjonali eżistenti tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti inklużi s-sanzjonijiet u l-embargoes fuq l-armi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; ***jistieden lill-ATT biex jistabbilixxi standards ċari u vinkolanti f'dan ir-rigward billi, jiġifieri, jeħtieġ lill-istati biex ma jittrasferux armi internazzjonalment fejn hemm riskju sostanzjali li se jintużaw biex isiru jew jiffaċilitaw ksur serju tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem jew id-dritt umanitarju internazzjonali;***

Or. en

**Emenda 47**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10a (ġdid)**

**10 a. (ġdid).** *Jistieden f'dan ir-rigward lir-RGħ/VP tal-UE u lill-Kunsill biex jaħdmu għall-ogħla standards possibbli ta' protezzjoni tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali billi jstabbilixxu standards li jmorru lil hinn minn dawk li diġà ġew mifitehma fil-livell tal-UE u stipulati fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi; għalhekk jenfasizza li l-pożizzjonijiet tal-istati partijiet tal-UE għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw standards aktar baxxi li bla dubju jkunu detrimental għas-suċċess u l-effettività tal-ATT;*

Or. en

#### Emenda 48

**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU jadottaw kriterji addizzjonali (li għandhom jiġu żviluppati bħala standards internazzjonali) **biex jiggwidaw** lil dawk li jieħdu deċizzjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-armi, b'mod partikulari dawn għandhom jinkludu l-imġiba fil-passat tal-pajjiż ta' destinazzjoni fir-rigward tal-governanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, **id-drittijiet** tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riskju ta' devjazzjonijiet, l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, kif ukoll iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà reġjonali; hu tal-fehma li fit-Trattat

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU jadottaw kriterji addizzjonali (li għandhom jiġu żviluppati bħala standards internazzjonali) **li jkunu jeħtieġu** lil dawk li jieħdu deċizzjonijiet **biex joħorġu ċahdjet fuq** l-esportazzjoni tal-armi, b'mod partikulari dawn għandhom jinkludu l-imġiba fil-passat tal-pajjiż ta' destinazzjoni fir-rigward tal-governanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet **internazzjonali** tal-bniedem **jew id-dritt umanitarju internazzjonali**, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riskju ta' devjazzjonijiet, l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, kif ukoll iż-

għandhom jiġu mfassla kriterji speċifiċi kontra l-korruzzjoni;

żamma tal-paċi u s-sigurtà reġjonali; hu tal-fehma li fit-Trattat għandhom jiġu mfassla kriterji speċifiċi kontra l-korruzzjoni;

Or. en

**Emenda 49**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Ihegġegħ lill-Istati Membri tan-NU jadottaw kriterji addizzjonali (li għandhom jiġu żviluppati bħala standards internazzjonali) biex jiggwidaw lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-armi, b'mod partikulari dawn għandhom jinkludu l-imġiba fil-passat tal-pajjiż ta' destinazzjoni fir-rigward tal-governanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riskju ta' devjazzjonijiet, l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, kif ukoll iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà reġjonali; hu tal-fehma li fit-Trattat għandhom jiġu mfassla kriterji speċifiċi kontra l-korruzzjoni;

*Emenda*

11. Ihegġegħ lill-Istati Membri tan-NU jadottaw kriterji addizzjonali **vinkolanti** (li għandhom jiġu żviluppati bħala standards internazzjonali) biex jiggwidaw lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-armi, b'mod partikulari dawn għandhom jinkludu l-imġiba fil-passat tal-pajjiż ta' destinazzjoni fir-rigward tal-governanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riskju ta' devjazzjonijiet, l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, kif ukoll iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà reġjonali; hu tal-fehma li fit-Trattat għandhom jiġu mfassla kriterji speċifiċi kontra l-korruzzjoni;

Or. en

**Emenda 50**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**11 a. Jistieden lir-RGħ/VP u lill-Istati Membri tal-UE biex jippromwovu l-inklużjoni ta' mekkaniżmi b'saħħithom kontra l-korruzzjoni fit-trattat futur kif stabbilit fil-paragrafu 3 tal-istqarrija tal-UE tat-12 ta' Lulju 2011; ifakkar fil-bżonn li tiġi inkluża referenza għall-korruzzjoni konsistenti ma' strumenti internazzjonali rilevanti applikabbli, u li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu evitati tali reati;**

Or. en

**Emenda 51**  
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jitlob li dawn il-kriterji jiġu inkorporati f'valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali biex jiggwidaw lil dawk li jagħmlu deċiżjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-armi;

*Emenda*

12. Jitlob li dawn il-kriterji jiġu inkorporati f'valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali biex jiggwidaw lil dawk li jagħmlu deċiżjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-armi; ***jenfasizza f'dan ir-rigward li għandu jkun garantit li tali kriterji m'għandhomx jinterferixxu mad-drittijiet tal-Istati kollha li jimmanifatturaw, jimportaw, jesportaw, jittrasferixxu u jżommu armi konvenzjonali għad-difiża personali individwali jew kollettiva (l-Artikolu 51 Karta tan-Nazzjonijiet Uniti);***

Or. en

**Emenda 52**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jitlob li dawn il-kriterji jiġu inkorporati f'valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali **biex jiġgwidaw lil dawk li jagħmlu deċiżjonijiet** dwar l-esportazzjoni tal-armi;

*Emenda*

12. Jitlob li dawn il-kriterji jiġu inkorporati f'valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali dwar l-esportazzjoni tal-armi;

Or. en

**Emenda 53**

**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12 a. Jistieden lill-Unjoni Ewropea, biex minkejja r-riżultat tan-negozjati tal-ATT, tkompli iżomm l-ogħla standards possibbli u l-interpretazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi 2008/944/PESK u t-tmien kriterji tagħha speċjalment fir-rigward id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;**

Or. en

**Emenda 54**

**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jitlob biex dawn il-kriterji jitfasslu fil-forma ta' linji gwida **operattiv komuni**

*Emenda*

13. Jitlob biex dawn il-kriterji jitfasslu fil-forma ta' linji gwida għat-twertiq ta'

għat-twerttiq ta' valutazzjoni tar-riskji bħala bażi biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar it-trasferiment tal-armi;

valutazzjoni tar-riskji bħala bażi biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar it-trasferiment tal-armi;

Or. en

**Emenda 55**  
**Marietta Giannakou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva u kredibbli tal-ATT, filwaqt li jiġu enfasizzati l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza **u r-responsabilità** ta' kull Stat Parti;

*Emenda*

14. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva u kredibbli tal-ATT, filwaqt li jiġu enfasizzati l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, **ir-responsabilità** ta' kull Stat Parti **u koordinazzjoni mtejba fost l-awtoritajiet kompetenti**;

Or. en

**Emenda 56**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen li ATT robust irid **jinkludi dispożizzjonijiet u kriterji ta' referenza li jimpenjaw** lill-Istati Partijiet li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali u jistabbilixxu awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll, **inkluż** l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u sanzjonijiet f'każ ta' ksur, ta' kull trasferiment ta' merkanzija **koperta fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat** u għall-ilħuq tar-rekwiżiti kollha ta' rappurtar u implimentazzjoni;

*Emenda*

15. Jemmen li ATT robust irid **jeħtieġ** lill-Istati Partijiet li **jistabbilixxu sistema nazzjonali effettiva ta' kontroll li tiggarrantixxi li kull trasferiment ikun suġġett għal valutazzjoni tar-risku minn qabel skont il-kriterji stabbiliti fit-trattat futur; jemmen li ATT robust irid jeħtieġ lill-Istati Partijiet li** jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali u jistabbilixxu awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll **u** l-infurzar tal-leġiżlazzjoni; **jenfasizza li l-**

*implimentazzjoni tal-ATT għandha tkopri kontrolli tal-użu finali permezz ta' impenji verifikabbli bil-miktub, intermedjazzjoni għall-armi, u attivitajiet ta' trasport li jinkludu r-reġistrazzjoni tal-operaturi u l-liċenzjar tal-attivitajiet tagħhom, id-divulgazzjoni mill-applikanti ta' informazzjoni neċessarja u dokumentazzjoni sħiħa ta' appoġġ qabel il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, miżuri leġiżlattivi u oħrajn kif neċessarju għall-istabbiliment bħala offiċi kriminali l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu, it-trasbord, it-trasferiment jew is-senserija fil-bejgħ tal-armi u munizzjoni konvenzjonali mhux liċenzjat jew awtorizzat skont it-termini tat-Trattat, u sanzjonijiet f'każ ta' ksur, ta' kull trasferiment ta' merkanzija u għall-ilħuq tar-rekwiżiti kollha ta' rappurtar u implimentazzjoni;*

Or. en

**Emenda 57**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. **Jemmen** li ATT robust irid jinkludi dispożizzjonijiet u kriterji ta' referenza li jimpenjaw lill-Istati Partijiet li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali u jistabbilixxu awtorità nazzjonali responsabbli **għall-kontroll, inkluż** l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u sanzjonijiet f'każ ta' ksur, ta' kull trasferiment ta' merkanzija koperta fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u **għall-ilħuq** tar-rekwiżiti kollha ta' rappurtar u implimentazzjoni;

*Emenda*

15. **Jenfasizza** li ATT robust irid jinkludi dispożizzjonijiet u kriterji ta' referenza li jimpenjaw lill-Istati Partijiet li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali u jistabbilixxu awtorità nazzjonali responsabbli **għal sistema ta' kontroll nazzjonali, li tkun tinvolvi** l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u sanzjonijiet f'każ ta' ksur, ta' kull trasferiment ta' merkanzija koperta fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u **l-ilħuq** tar-rekwiżiti kollha ta' rappurtar u implimentazzjoni, **l-istabbiliment ta' kontrolli verifikabbli tal-użu finali, il-ħolqien ta' qafas fejn ir-reġistrazzjoni u l-**

*liċenzjar tal-operaturi u l-attivitajiet  
tagħhom fil-qasam tas-senserija fil-bejgħ  
u t-trasport tal-armi jsiru obbligatorji fil-  
livell nazzjonali*

Or. en

**Emenda 58**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Jitlob għaldaqstant li l-ATT jinkludi **rappurtar** regolari mill-Istati Partijiet dwar id-deċiżjonijiet kollha relatati ma' trasferimenti ta' armi, fosthom informazzjoni dwar it-tip/i, l-ammont u d-destinazzjoni ta' tagħmir awtorizzat li jiġi trasferit, u dwar l-implimentazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat;

*Emenda*

18. Jitlob għaldaqstant li l-ATT jinkludi **dispożizzjonijiet b'saħħithom u ċari għar-rappurtar** regolari mill-Istati Partijiet **fuq bażi annwali** dwar id-deċiżjonijiet kollha relatati ma' trasferimenti ta' armi, fosthom informazzjoni dwar it-tip/i, l-ammont u d-destinazzjoni ta' tagħmir awtorizzat li jiġi trasferit, u dwar l-implimentazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat; **jitlob li l-ATT jeħtieġ ukoll lill-Istati Partijiet li jistabbilixxu sistema dettaljata ta' żamma ta' rekords għal mill-anqas 20 sena ta' kull kummerċ u tranżazzjoni internazzjonali pproċessata permezz tas-sistema nazzjonali ta' kontroll; jitlob lill-UE biex tippovdi, f'dan ir-rigward, assistenza teknika u finanzjarja lill-pajjiżi terzi;**

Or. en

**Emenda 59**

**Tarja Cronberg**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 19**



*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Jitlob li tinħoloq Unità għall-Implimentazzjoni u l-Appoġġ tal-ATT, li r-responsabilitajiet tagħha jkunu jinkludu l-ġbir u l-analiżi ta' rapporti tal-Istati Partijiet; jitlob ukoll li s-Segretarju Ġenerali tan-NU jippubblika Rapport Annwali bi proposti ulterjuri għat-tiżiħ tad-dispożizzjonijiet operattivi tat-Trattat;

*Emenda*

19. Jitlob li tinħoloq Unità għall-Implimentazzjoni u l-Appoġġ tal-ATT, li r-responsabilitajiet tagħha jkunu jinkludu l-ġbir u l-analiżi ta' rapporti tal-Istati Partijiet; jitlob ukoll li s-Segretarju Ġenerali tan-NU jippubblika Rapport Annwali bi proposti ulterjuri għat-tiżiħ tad-dispożizzjonijiet operattivi tat-Trattat; ***jitlob li jingħata d-dritt lill-Unità ta' Implimentazzjon u Appoġġ tal-ATT li tanalizza wkoll dejta fuq it-trasferimenti tal-armi u tidentifika diskrepanzi u ksur potenzjali tat-trattat u tirrapporta lura lill-assemblya tal-Istati Partijiet;***

Or. en

**Emenda 60**  
**Marietta Giannakou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jitlob li tali rapporti jkunu magħmula ***pubbliċi***;

*Emenda*

20. Jitlob li tali rapporti jkunu magħmula ***disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti kollha***;

Or. en

**Emenda 61**  
**Tarja Cronberg**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jitlob li tali rapporti ***jkunu*** magħmula

*Emenda*

20. Jitlob li tali rapporti ***msemmija hawn***

pubbliċi;

*fuq ikunu* magħmula pubbliċi;

Or. en

**Emenda 62**  
**Marietta Giannakou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi *mit-trasparenza sħiħa* u l-obbligu tar-rendikont lejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li jespportaw jew jimportaw; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm mekkaniżmi ta' trasparenza robusti inkluż rappurtar annwali biex issaħħaħ ir-rwol tal-Parlamenti, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku usa' biex iżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet magħmula dwar esportazzjonijiet, importazzjonijiet u trasferiment tal-armi;

*Emenda*

22. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi *mill-kontroll effiċjenti, mill-ogħla trasparenza possibbli* u l-obbligu tar-rendikont lejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li jespportaw jew jimportaw; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm mekkaniżmi ta' trasparenza *u ta' monitoraġġ* robusti inkluż rappurtar annwali biex issaħħaħ ir-rwol tal-Parlamenti, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku usa' biex iżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet magħmula dwar esportazzjonijiet, importazzjonijiet u trasferiment tal-armi;

Or. en

**Emenda 63**  
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mit-trasparenza sħiħa u l-obbligu tar-rendikont lejn *iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili* fil-pajjiżi li jespportaw jew jimportaw; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm mekkaniżmi ta' trasparenza robusti inkluż rappurtar

*Emenda*

22. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mit-trasparenza sħiħa u l-obbligu tar-rendikont lejn *l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inklużi l-korpi ta' kontroll parlamentari* fil-pajjiżi li jespportaw jew jimportaw; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm mekkaniżmi ta'

annwali biex issaħħaħ ir-rwol tal-Parlamenti, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku usa' biex iżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet magħmula dwar esportazzjonijiet, importazzjonijiet u trasferiment tal-armi;

trasparenza robusti inkluż rappurtar annwali biex issaħħaħ ir-rwol tal-Parlamenti, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku usa' biex iżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet magħmula dwar esportazzjonijiet, importazzjonijiet u trasferiment tal-armi;

Or. en

#### **Emenda 64**

**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 25**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

25. Jemmen li t-tweġiba tal-UE għat-talba tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal ideat dwar l-elementi ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jirrappreżenta l-bażi xierqa għal azzjoni koordinata mill-Istati Membri tal-UE fil-Konferenza internazzjonali tal-ATT; Jitlob lill-Istati Membri biex b'konformità mal-impenn tagħhom tat-Trattat ta' Lisbona jiddefendu **il-pożizzjonijiet** tal-Unjoni stipulati fit-tweġiba lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fil-konferenza sabiex ikun żgurat eżitu ambizzjuż u ATT robust;

##### *Emenda*

25. Jemmen li t-tweġiba tal-UE għat-talba tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal ideat dwar l-elementi ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jirrappreżenta l-bażi xierqa għal azzjoni koordinata mill-Istati Membri tal-UE fil-Konferenza internazzjonali tal-ATT; Jitlob lill-Istati Membri biex b'konformità mal-impenn tagħhom tat-Trattat ta' Lisbona jiddefendu, **mill-anqas, il-pożizzjonijiet** tal-Unjoni stipulati fit-tweġiba lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fil-konferenza sabiex ikun żgurat eżitu ambizzjuż u ATT robust;

Or. en

#### **Emenda 65**

**Ana Gomes**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 25**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

25. Jemmen li t-tweġiba tal-UE għat-talba

##### *Emenda*

25. Jemmen li t-tweġiba tal-UE għat-talba

tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal ideat dwar l-elementi ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jirrappreżenta l-bażi xierqa għal azzjoni koordinata mill-Istati Membri tal-UE fil-Konferenza internazzjonali tal-ATT; ***Jitlob lill-Istati Membri biex b'konformità mal-impenn tagħhom tat-Trattat ta' Lisbona jiddefendu l-pożizzjonijiet tal-Unjoni stipulati fit-tweġiba lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fil-konferenza sabiex ikun żgurat eżitu ambizzjuż u ATT robust;***

tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal ideat dwar l-elementi ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jirrappreżenta l-bażi xierqa għal azzjoni koordinata mill-Istati Membri tal-UE fil-Konferenza internazzjonali tal-ATT;

Or. en

**Emenda 66**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 25a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***25 a. Iħeġġeġ lir-RGħ/VP u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu n-negozjati u l-adozzjoni possibbli ta' Trattat dinji dwar il-Kummerċ tal-Armi bħala prijorità politika u strateġika tal-UE matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin u biex jinkludu t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi fuq l-aġenda ta' kull laqgħa relevanti mar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi, waqt żjarat, delegazzjonijiet jew attivitajiet oħra simili; jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jipparteċipaw b'mod attiv u jsemmgħu l-appoġġ tagħhom għall-proċess sa issa fin-negozjati tan-NU dwar ATT f'Lulju 2012; iħeġġeġ lir-RGħ/VP biex jikkonsulta u jikkoordina b'mod intensiv mal-Istati Membri kollha tal-UE sabiex ikun żgurat li l-UE titkellem b'vuċi waħda u tippromwovi pożizzjoni b'saħħitha;***

Or. en

**Emenda 67**  
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 25a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**25 a. (new). Jitlob lill-Istati Membri biex b'konformità mal-impenn tagħhom tat-Trattat ta' Lisbona jiddefendu l-pożizzjonijiet tal-Unjoni stipulati fit-tweġiba lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fil-konferenza sabiex ikun żgurat eżitu ambizzjuż u ATT robust; Jitlob għalhekk lill-Istati Membri tal-UE biex jiddikjaraw b'mod mifuħ u inekwivoku l-approġġ sħiħ tagħhom għad-delegazzjoni tal-UE li tipparteċipa fin-negozjati;**

Or. en

**Emenda 68**  
**Tarja Cronberg**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 25b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**25 b. Iħeġġeġ lill-HRVP u lill-Istati Membri biex jiffavorixxu s-sodezza fuq l-universalità fir-rigward tal-kontenut u s-sħubija tat-trattat futur; iħeġġeġ lill-Istati Uniti biex tiċċaqlaq mill-pożizzjoni tagħha li t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi għandu jiġi nnegozjat abbażi ta' kunsens;**

Or. en

**Emenda 69**  
**Marietta Giannakou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

26. Jilqa' d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President skont l-Artikolu 34.1 tat-Trattat ta' Lisbona li tippreżenta l-pożizzjoni tal-UE lill-Parlament qabel il-Konferenza; ***Jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibgħat delegazzjoni li timmonitorja l-proċess tan-negozjar u tivvaluta l-koerenza u l-konsistenza tal-UE f'dik il-konferenza;***

*Emenda*

26. Jilqa' d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President skont l-Artikolu 34.1 tat-Trattat ta' Lisbona li tippreżenta l-pożizzjoni tal-UE lill-Parlament qabel il-Konferenza;

Or. en

**Emenda 70**  
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***26 a. Jindika li l-prattiki tajba tal-UE dwar il-kummerċ tal-armi jistgħu jkunu mudell għan-NU, u li l-ATT jista' jimita karatteristiċi fid-direttivi u l-pożizzjonijiet komuni tal-UE, filwaqt li juża bħala punti tat-tluq dokumenti bħal-Lista Militari Komuni tal-UE;***

*Emenda*

Or. en